MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2012

Citazzjoni Numru. 375/2010

**AB**

**vs**

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ippresentat mill-attur, li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

1. Illi l-partijiet izzewgu fit-3 ta' Awissu 2005 skond certifikat taz-zwieg anness u mmarkat Dok A u minn dan iz-zwieg m'ghandhomx ulied;

2. Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vvizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha jew b'anomalija psikologika serja li ghamlitha

mpossibbli ghall-partijiet illi jaqdu l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, kif ser jigi ppruvat fil-kors tal-kawza;

3. Illi ghalhekk iz-zwieg bejn il-partijiet huwa null u invalidu skond il-ligi;

Talab in vista tar-ragunijiet premessi li l-konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tiddeciedi u tiddikjara illi z-zwieg bejn il-partijiet tat-3 ta' Awissu 2005 fuq imsemmi huwa null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

2. Tawtorizza lill-esponent illi jirregistra l-istess sentenza fir-Registru Pubbliku ta' Malta.

L-intimata hija ingunta in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda ta' l-attur;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta, li *in forza* taghha hija eccepiet :

1. Illi l-esponenti taqbel in parte mat-talbiet attrici fir-rigward li z-zwieg bejn il-partijiet huwa wiehed null skond il-ligi u dan minhabba l-fatt illi l-kunsens ta' zewgha u mhux tal-esponenti kien vvizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha jew b'anomalija psikologika serja li ghamiltha mpossibli ghall-attur rikorrenti illi jaqdi l-obbligazzjoni essenzjali taz-zwieg, u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;
2. Illi ghalhekk l-esponenti ma ghandhiex tigi ikkundannata minn din l-Onorabbli Qorti li thallas l-ispejjez ta' din il-kawza;
3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat il-lista tax-xhieda ta' l-konvenuta;

Semghet lix-xhieda illi tressqu;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li gew prodotti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti ghandha quddiemha talba sabiex iz-zwieg bejn l-attur A B u l-intimata C D jigi dikjarat null u bla effett fil-ligi *ai termini* tal-Artikoli 19(d) tal-Att Dwar iz-Zwieg 1975.

Min-naha taghha l-intimata taqbel li z-zwieg taghhom ghandu jigi dikjarat null u bla effett fil-ligi izda ghal ragunijiet imputabbli lill-istess attur.

**<u>Il-Mertu tal-kaz odjern</u>**

L-attur jghid li ltaqa' mal-intimata meta kellu tmienja u ghoxrin sena filwaqt li hi kellha tlieta u tletin sena u cioe' meta kellhom bizzejjed eta' sabiex jifhmu x'inhu zwieg. L-attur jirrakonta li l-gherusija ta' bejniethom, li damet madwar sena u nofs, kienet wahda normali, sakemm l-intimata bdiet taghmel pressjoni biex jizzewgu. L-istess attur jghid li minkejja li la qallha iva u lanqas qallha le ghaz-zwieg, sabu ruhhom jorganizzaw it-tieg. In kontro-ezami, jelabora u jghid li huma zzewgu ghaliex kien hemm xi proprjeta' fin-nofs u li kieku ma zzewgux, l-intimata kienet ser titlifha. Min-naha taghha, l-intimata tghid ukoll li kienet din il-kwistjoni tal-proprjeta' li wasslithom sabiex jiddeciedu li jizzewgu, u dan wara li marru jkellmu Nutar. Il-Qorti ma tistax ma tirrilevax li jirrizulta bl-aktar mod car li d-decizjoni sabiex jizzewgu ittiehdet biss abbazi ta' din l-imsemmija proprjeta'. Hadd mill-partijiet ma jsemmi l-kelma imhabba (ad eccezzjoni ta' darba meta l-intimata tghid li tant kienet thobbu li kienet tahseb li kien ser jinbidel jew li kienet ser tidrah). Hadd mill-partijiet ma jsemmi li kellhom kull intenzjoni li jiffurmaw dik l-ghaqda li ghandu jkun hemm bejn koppja mizzewga.

L-attur izid jghid ukoll li parti minn din il-pressjoni li kienet qieghda taghmel l-intimata (apparti l-kwistjoni tal-proprjeta' msemmija) kien minhabba l-fatt li kienet

qieghda tikber izda mbaghad, fiz-zwieg, xorta wahda ma riditx li jkollha t-tfal, ghall-anqas minn tieghu.L-intimata ssemmi wkoll il-fatt li kienet qieghda tikber fl-eta' u ghalhekk, wara li n-Nutar spjegalhom l-aspetti legali rigward il-proprjeta', tispjega li la kienu kuntenti flimkien u la kienet qieghda tikber, allura z-zwieg kien l-ahjar ghazla ghalihom. Fil-fatt, meta mistoqsija jekk kienitx il-kwistjoni tal-proprjeta' li waslithom ghad-decizjoni taz-zwieg, l-istess intimata tikkonferma li "***dik kienet ir-raguni, li biex jekk jinqala' xi haga nkunu covered***".

Il-Qorti tirrileva li la l-attur u lanqas l-intimata ma jelaboraw fuq il-kwistjoni tat-tfal wara z-zwieg. Ghalkemm tissemma d-dar matrimonjali li fi kliem l-intimata ma kienitx addattata ghat-tfal, jidher li anke fuq din il-kwistjoni ma kienx hemm qbil bejn il-partijiet. Virginia Mangion tghid li qatt ma semghet lill-intimata titkellem fuq it-tfal pero' l-fatt li qatt ma semghet tali kliem mhux necessarjament ifisser li l-intimata ma riditx li jkollha tfal.

L-attur jghid ukoll li dak inhar tat-tieg, mar ghax-xoghol bhas-soltu, tant li l-*photographer* kien wasal id-dar qablu. Il-hajja mizzewga kompliet bl-istess rutina li kellhom meta kienu gharajjes, tant li l-istess attur jghid li wara x-xoghol tieghu mhux l-ewwel darba li kien imur il-garaxx tieghu biex jahdem filwaqt li l-intimata kienet thit. L-attur jirrakkonta diversi episodji li graw wara z-zwieg, fosthom jaghmel referenza ghall-fatt li l-intimata kellha relazzjoni ma' ragel iehor (ghalkemm jghid ukoll li l-intimata qatt ma ammettiet u dejjem baqghet issostni li kienu biss hbieb) izda il-Qorti tirrileva li l-adulterju mhux bazi ghall-annullament. Huwa kawzali ghas-separazzjoni li jista' eventwalment iwassal ghad-divorzju pero' mhux bizzejjed biex iwassal ghal decizjoni favur in-nullita', u dan kif ser jigi diskuss aktar 'il quddiem.

Jidher li l-akbar problema li ffaccjaw il-partijiet wara z-zwieg kienet in-nuqqas da parti tal-attur li jiddedika hin ghall-familja tieghu. Dan jammettih hu stess u huwa kkorraborat ukoll mix-xhieda prodotta minnu stess, fosthom dik ta' Virginia Mangion. Min-naha taghha jidher car li l-intimata, minflok rat kif ghamlet biex tipprova ssolvi

l-problemi ta' bejnha u bejn zewgha, tefghet it-tort kollu fuq ommu u bdiet taghti attenzjoni zejda lil terzi (ghalkemm il-Qorti thoss li ghandha tiddikjara li l-adulterju mhux car u manifest izda aktar jirrizultaw kunfidenzi zejda jew *flirting*).

**Dwar l-Artikolu 19(d) u cioe' li l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha kif ukoll minhabba li l-intimata minhabba anomalija psikologika serja kienet inkapaci illi taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali tal-hajja mizzewga**

Il-Qorti taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Parties Atkins Charles Vs Atkins Matilde**[1] fejn inghatat spjegazzjoni dettaljata ta' xi jfisser dan l-Artikolu u xi jrid jigi pruvat quddiem din il-Qorti sabiex it-talba attrici tigi akkolta. Fi kliem l-istess Qorti:

"***Il-kuncett tad-discretio judicii ma jirrikjediex maturita` shiha u perfetta fuq dak kollu li jirrikjedi z-zwieg, izda konoxxenza shiha ta' dak kollu li jkunu dehlin ghalih il-partijiet u cjoe` ghall-obbligi u d-drittijiet konjugali kemm fil-prezent kif ukoll fil-futur. Inoltre l-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' affettiva u cjoe` dak kollu li ghandu x'jaqsam ma' l-emozjonijiet u s-sentimenti taghhom fil-konfront ta' xulxin. Jekk xi wahda minn dawn l-elementi hija b'xi mod nieqsa, allura hemm difett tad-diskrezzjoni tal-gudizzju kif rikjest mill-ligi…Il-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' li taghmilhom kapaci jirriflettu fuq l-obbligi, id-dmirijiet u r-responsabbiltajiet li ggib maghha il-hajja mizzewga u jkunu ghalhekk kapaci jerfghu u jwettqu l-istess matul il-hajja matrimonjali taghhom***"***.***

Illi ssir referenza wkoll ghall-kawza fl-ismijiet **Borg Cachia Melanie Vs Borg A**[2]

[1] Deciza nhar it-2 ta' Ottubru 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili
[2] Deciza nhar id-29 ta' Mejju 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili

"***Il-persuna li tat il-kunsens trid tkun qed issofri minn immaturita' affettiva jew semplici njoranza. B'dan l-artikolu, il-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta' mmaturita' fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku, izda dan in-nuqqas tad-discretio judicii huwa kuncett guridiku ntrinsikament marbut mal-kapacita' ta' parti jew ohra fiz-zwieg li taghti kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg…Il-gurisprudenza nostrana ssegwi din l-interpretazzjoni - ghalhekk id-difett irid ikun wiehed serju fil-fakolta' kritiko-estimativa tal-parti, difett li wiehed jevalwa u jifhem u jassumi dawk li huma d-drittijiet u dmirijiet essenzjali taz-zwieg, jew li jevalwa u jifhem x'inhu z-zwieg u l-hajja mizzewga***".

In vista tal-gurisprudenza citata aktar 'il fuq u in vista tac-cirkustanzi li wasslu ghal dan iz-zwieg, il-Qorti thoss li fil-mument propizju, il-partijiet ma kellhomx id-*discretio judicii* sabiex verament jaghtu l-kunsens taghhom, u dan ghaliex id-decizjoni ghaz-zwieg kienet bazata kwazi unikament fuq il-proprjeta'. Tant hu hekk li l-attur jghid li hajjithom baqghet ma nbidlitx wara z-zwieg, specjalment tieghu, li baqa' jaghti priorita' lix-xoghol. Il-fatt li l-priorita' ghall-attur baqa' dejjem ix-xoghol filwaqt li ma kienx jaghti hin lil martu juri kemm verament l-attur haseb, jew ried, li l-hajja li kellu meta kien gharus tigi addottata fil-hajja mizzewga. Dan necessarjament ifisser li l-istess attur ma rrealizzax li biz-zwieg, hajtu kellha necessarjament tinbidel biex jinkludi fiha lil martu u jassumi l-obbligi u r-responsabbilitajiet taz-zwieg maghha. Min-naha taghha, l-intimata tidher li addottat l-istess filosofija, tant li baqghet thit u kienet tippreferi taghti l-attenzjoni taghha lil terzi milli lil zewgha u baqghet ittawwal u tipprokrastina l-possibilita' li jkollhom l-ulied. L-attitudni tal-intimata versu r-ragel taghha, juri li zewgha qatt ma kien priorita' f'hajjitha. Anzi jirrizulta mill-provi li l-intimata kienet tara lill-attur b'mod negattiv immens, tant li kienet tgerger li jdum ix-xoghol b'mod kostanti u donnu ma kien jaghmel xejn tajjeb ghaliha. Il-Qorti tirrileva li jirrizulta car li l-partijiet izzewgu ghar-ragunijiet hziena, principalment dik relatata mal-proprjeta'. Fil-fatt kien biss wara li hadu parir minghand Nutar dwar il-proprjeta' li waslu ghad-decizjoni li jizzewgu.

Decizjoni ghal zwieg ibbazata fuq proprjeta' u affarijiet materjali minflok decizjoni sabiex jiffurmaw familja u unjoni ta' koppja mizzewga.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa' t-talbiet attrici u tiddikjara z-zwieg null u bla effett fil-ligi *ai termini* tal-Artikolu 19(1)(d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta;

Bl-ispejjez jinqasmu nofs bin-nofs bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------